MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1922/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Computime Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm256.75), hlas ghal servizz li gie pprovdut lis-socjeta konvenuta li jikkonsisti f'approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet:

1. It-talba tas-socjeta attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Is-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

3. Is-socjeta attrici m'ezegwitx il-funzjonijiet li taghhom qed titlob il-hlas.

4. Il-ligi tipprovdi ghall-pagament ta' Type Approval biss, kwindi ma jistax jintalab hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu jkun diga' sar l-hekk imsejjah Type Approval.

Semgha l-provi li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti.

1. Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, dan it-Tribunal diga' kellu l-opportunita li jistharreg jekk japplikax l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili [Kap. 16] li jiiffissa perjodu ta' 18 il-xahar ghal:

*"l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjali li jfornu"*.

Is-servizz li toffri s-socjeta attrici zgur li ma jikkwalifikax taht wiehed mic-cirkostanzi elenkati f'dan l-Artikolu.

2. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni t-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs ICL Malta Limited** [Avviz numru 1847/01AE] deciza fl-4 ta' Gunju 2002. A skans ta' ripetizzjoni inutli, t-Tribunal qieghed jaddotta l-istess ragunament fis-sens li kwalsiasi servizz kien inghata mis-socjeta attrici, li wara kollox kienet qeghda tiehu hsieb il-hrug tac-certifikat Type Approval Service [ara wkoll **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 2042/01AE) u **Maltacom plc vs**

**Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 1897/01AE) decizi fil-25 ta' Settembru 2002] . Ghalhekk din l-eccezzjoni hija michuda.

3. Fir-rigward tal-meritu, is-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi li s-socjeta attrici ma pprovdiet l-ebda servizz u f'kull kaz huwa inekwu li jintalab hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' l-istess oggett li tieghu ikun diga' nghata Type Approval.

4. Dan it-Tribunal diga' kellu opportunita jaghti decizjoni fuq kazijiet smili ghal dak odjern. Huwa fatt ikkontestat li sabiex l-apparat in kwistjoni jigi rilaxxat mill-Kontrollur tad-Dwana irid jinghata certifikat ta' Type Approval. Il-kwistjoni li tqum hija jekk l-impjegati tal-Maltacom plc ikunux ghamlu testijiet fuq l-apparat.

5. F'kawzi ohra dwar l-ghoti ta' servizz ta' Type Approval, it-Tribunal diga' kellu l-opportunita jikkonferma li xi hlas huwa dovut lis-socjeta attrici li kienet tohrog ic-certifikat in kwistjoni sabiex tkun tista' tigi rilaxxata l-merkanzija mid-Dwana. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li jkun gust u ekwu li s-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70). Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Spejjez [mhux inkluzi drittijiet legali] jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**